MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 7/2012

**Coleiro General Supplies Limited**

**Vs**

**Robert Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-12 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha hija talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mija sitta u tletin euro u tnejn u disghin centezmi ta' euro [€336.92] u dan wara li ppremettiet hekk:

"L-ammont ta' tliet mija u sitta u tletin euro u tnejn u disghin centezmu (€336.92) dovut lis-socjeta attrici, jirraprezenta bilanc dovut fuq prezz ta' xiri ta' merkanzija ikkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, skond kif jirrizulta mill-istatement of account hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A, liema somma baqghet ma thallsitx

mill-konvenut minkejja diversi interpellazzjonijiet lilu maghmula.

Bl-ispejjez, u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** mressqa fit-2 ta’ Marzu, 2012 u li permezz taghha huwa ecceppixxa hekk:

“Il-konvenut qed jikkontesta t-talbiet attrici peress illi hu ghandu jiehu u mhux jaghti.

Il-konvenut ghandu jiehu minghand is-socjeta attrici s-somma ta’ erba’ mitt euro bhala hlas ta’ telf ta’ xoghol peress li s-socjeta attrici naqset li tissupplixxi z-zebgha ordnata skond ftehim ghal dan il-ghan.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u tintlaqa l-kontro-talba tal-konvenut”.

Ra l-kontro-talba tal-intimat u li permezz taghha ppremmetta hekk:

“Il-konvenut ghandu jiehu somma akbar minn dik li semmet is-socjeta attrici u ghalhekk qeghda ssir il-kontro-talba u kollox jigi spjegat waqt il-kawza.”

Ra r-risposta tas-socjeta rikorrenti pprezentata fit-28 ta’ Marzu, 2012 ghall-kontro-talba ta’ l-intimat u li permezz taghha ecceppiet hekk:

“Illi l-kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut bhala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll bhala fiergha u vessatorja, stante illi s-socjeta attrici ma ghandha taghti xejn lill-konvenut u qatt ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet ta’ ebda tip, wisq anqas xi ftehim li s-socjeta attrici kellha tissupplixxi xi zebgha lill-konvenut li, del resto, ammetta diversi drabi illi l-ammont mitlub mis-

socjeta attrici f'din il-kawza huwa minnu dovut u sahansitra offra illi jhallas l-ammont mitlub ratejalment.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri"

Ra l-verbal datat 4 ta' Lulju, 2012, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas da parti tas-socjeta rikorrenti tal-bilanc li l-intimat kien fadallu maghha ghal xiri ta' merkanzija. L-intimat da parti tieghu ressaq kontro-talba fejn talab il-hlas ta' danni minnu subiti peress li s-socjeta rikorrenti ma ssupplixietx z-zebgha minnu ordnata, u b'konsegwenza ta' dan, huwa ma setax jaghmel xoghol ta' *spray* fuq vettura li kienet fil-garaxx tieghu.

L-ewwel li xehed kien **Louis Colerio, *managing director* tas-socjeta rikorrenti**. Huwa qal li l-intimat kien jixtri zebgha u materjali ancillari minn ghandhom u li fl-ahhar tax-xahar kien jaqat xi haga mill-kont li kien ikollu mas-socjeta minnu rapprezentata. Fit-28 ta' Mejju, 2010 kien ghamel l-ahhar pagament ta' hamsin euro (€50). Wara din id-data, huwa "*...ghamel xi zewg xirjiet ohra fejn il-kont tela ghal tlett mija u sitta u tletin ewro u tnejn u disghin centezmu u dak huwa l-ammont li ahna qeghdin nitolbu liema ammont ghadu dovut sal-lum*" (fol. 17). Wara li ghamel diversi xhur ma jhallasx, ix-xhud cempel lill-intimat fil-15 ta' Frar, 2011 u "*... huwa skont notament li ghandi mnizzel fuq id-dokument li qieghed nezebixxi u nimmarka bhala dokument LC1 li kien ser ihallasni sad-19 ta' Frar ta' dik is-sena cioe 2011*" (fol. 17). Imbaghad fl-4 ta' Awwissu, 2011 kien cempillu l-*general manager* tas-socjeta rikorrenti. Ix-xhud esebixxa ittra datata 4 ta' Awwissu, 2011 (dok. LC2 a fol. 30) mibghuta mill-imsemmi *general manager* lill-intimat "*... fejn qed jghid f'din l-ittra illi ntlahaq ftehim bejn is-socjeta minni*

*rapprezentata lil konvenut li l-kont ta' 336.92 euro jithallasu tletin euro fix-xahar*" (fol. 17). Meta gie mistoqsi jekk kienx hemm xi kwistjonijiet mal-intimat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u li huwa qatt ma gie "*... infurmat minn xi impjegat tal-kumpanija tieghi li kien hemm xi problemi mas-Sur Azzopardi, lanqas il-konvenut stess ma qalli illi li kien hemm xi kwistjonijiet*" (fol. 17). Colerio stqarr ukoll li l-intimat kien jinqeghda mill-fergha taghhom tal-Fgura u li l-addett tas-socjeta minnu rapprezentata Mario Fava kien jiehu hsieb il-kont tal-intimat. Finalment ighid li "*l-ewwel darba li jiena smajt bl-allegazzjoni tieghu li l-kumpanija tieghi ghandha taghtih erbgha mitt euro hi wara li kienet bdiet din il-kawza*" (fol. 18). In kontro-ezami, huwa jghid li hu qatt ma kellu x'jaqsam mal-intimat u l-unika darba li huwa kkomunika mal-istess intimat kien meta cempillu. Il-kuntatt li kien ikollu l-intimat kien ma Simon Bonello jew Mario Fava.

**Mario Fava**, *branch manager* tas-socjeta rikorrenti xehed li kien jixtri l-prodotti minghand is-socjeta rikorrenti u mbaghad kien jmur ihallas perjodikament. Zied ighid li f'Mejju, 2010 l-intimat waqaf ihallas il-hamsin euro (€50) li kien ihallas fix-xahar. Qal ukoll li minn Ottubru, 2010 sa l-ahhar tas-sena 2011 huwa kien icempel tlett darbiet fix-xahar lill-intimat li dejjem kien ighidlu "*...iva hu pacenzja bija dalwaqt gej illi kien sejjer eventwalment ihallas*". Ix-xhud cahad li kien hemm xi okkazzjoni fejn l-intimat kien talbu zebgha u huwa ma tahx. Ix-xhud isemmi ukoll meta "*gurnata qabel ma kienet ser tinstema din il-kawza kien cempilli l-konvenut u qalli jekk kienx possibli li nwaqqfu kollox u jigi jhallas*" (fol. 19). Ma ntlahaqx ftehim l-ghaliex huwa qallu li kien hemm l-ispejjez tal-Qorti x'jithallsu. Finalment, in ezami jghid li "*l-ewwel darba li smajt li kien qieghed jitlef ix-xoghol ghax ma provdejtlux zebgha kien proprju wara li nfethet il-kawza*" (fol. 19).

In kontro-ezami, x-xhud ighid li "*problemi mieghu qatt ma kelli hlief din il-kwistjoni*" (fol. 19). Stqarr ukoll li l-intimat kien jixtri zebgha tat-*thinner* minghand is-socjeta rikorrenti. B'referenza ghal kif issir l-ordni taz-zebgha minghand is-socjeta rikorrenti, x-xhud ighid li "*ghar-rigward ta' zebgha minn jidhol jixtri minghandna zebgha*

*ma ntuhilux dak il-hin ghaliex inkunu rridu nippreparawha u ghalhekk kif diga ghidt ikunu jridu jordnawha*" (fol. 19). Mistoqsi jekk kienx hemm xi okkazzjoni fejn huwa rrifjuta li jbiegh zebgha hamra lill-intimat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv pero qal li "*jista jkun illi kien hemm xi okkazzjonijiet fejn il-konvenut gie biex jixtri zebgha tat-thinner u jiena ghidtlu le issa ma nistghux inbieghulek minnha rridu nbieghulek zebgha tal-ilma dan peress li hemm xi regolamenti mill-Unjoni Ewropeja li ma tistax tbiegh thinner taz-zebgha*" (fol. 19-20). B'referenza ghaz-zebgha tat-*thinner* ix-xhud ighid "*jiena lill-konvenut kemm il-darba kont beghtlu din it-thinner taz-zebgha pero mbaghad meta biex* [recte: bdiet] *tigi rinforzata mill-awtoritajiet jiena ovvjament kelli nieqaf milli nbiegh*" (fol. 20). Huwa jichad li l-intimat kien cempillu ghaz-zebgha tat-*thinner* u li wara li kien ikkonfermalu l-ordni u l-intimat mar ghal din iz-zebgha huwa qallu li "*ma nistax intik thinner ha ntik zebgha tal-ilma*" (fol. 20).

L-intimat **Robert Azzopardi** xehed li xogholu huwa ta' *sprayer* u *panel beater* u li huwa kien jixtri z-zebgha minghand is-socjeta rikorrenti. Dwar iz-zebgha tat-*thinner*, huwa qal li dejjem kien juza din iz-zebgha u li z-zebgha ta' l-ilma ma setax juzaha peress li "*... ma ghandix apparat ghaliha u ghalhekk allura kont nuza t-thinner*" (fol. 21). Zied ighid ukoll li s-socjeta rikorrenti dejjem qdietu meta kien jordna z-zebgha tat-*thinner*. Qal ukoll li z-"*zebgha tat-thinner kont nordna madwar tlieta jew erbat ijiem qabel imbaghad kont inmur ghaliha u jaghtuhili*" (fol. 21). B'referenza ghall-kontro-talba tieghu, l-intimat ighid li "*f'okkazzjoni minnhom kont ordnajt iz-zebgha tat-thinner u hadd ma qalli xejn jigifieri meta qed nghid hadd qed nirreferi ghas-socjeta attrici u ghal Mario Fava li jiena dejjem iddiljajt mieghu tul dawn l-ahhar tlett snin*" (fol. 21). Din iz-zebgha, jkompli jghid l-intimat, kont ser nuzaha fuq Honda Civic u l-kulur tal-karozza kien ahmar. Qal li "*x'hin mort ghat-thinner huwa qalli li ma qdinix u dan peress li hu qalli li ma nistax naqdik izjed minflok qalli lest li jtini zebgha tal-ilma*" (fol. 21). Din iz-zebgha tat-*thinner* kien lest li juzaha fuq karozza tat-tip Honda Civic. Kien sahansitra lesta, jghid l-intimat, l-*undercoat* tal-Honda u kien ghad jonqos li japplika z-zebgha tat-*thinner.* Meta

mbaghad ma nghatax iz-zebgha tat-*thinner* minghand is-socjeta rikorrenti, huwa nforma lil sid il-vettura li ma setax jaghmililu minhabba li s-socjeta rikorrenti ma kienitx taghtu din iz-zebgha. Huwa qal li sid il-vettura ma setax jistenna izjed sabiex isirilha z-zebgha tat-*thinner* u allura qabad u ha l-vettura mill-garaxx ta' l-intimat. Qal ukoll li huwa kien ghamel "*... madwar erbgha mitt ewro xoghol fuq din il-Honda*" (fol. 21). Stqarr li sid il-vettura ma hallsux dawn l-erba mitt ewro (€400) u spiccaw tlewmu. Dwar it-telefonata li huwa ghamel lil Mario Fava, l-intimat jammetta li din saret ftit granet qabel il-kawza, pero jghid li f'din it-telefonata huwa kien qallu li kien tellfu x-xoghol u ried li jirrangaw id-differenzi ta' bejniethom.

In kontro-ezami l-intimat qal li ma kien hemm l-ebda kuntratt bil-miktub biex huwa jixtri minghand is-socjeta rikorrenti. Di fatti, wara li nqalet il-kwistjoni huwa xtara zebgha tat-*thinner* minghand haddiehor. Mistoqsi jekk setax jmur jixtri zebgha tat-*thinner* minghand haddiehor galadarba s-socjeta rikorrenti ma riditx taqdih, l-intimat ighid li "*... le ma stajtx immur nixtri daqshekk malajr*" (fol. 21) u "*jiena stajt jekk ridt immur nordna dak il-hin stess zebgha tat-thinner imbaghad kont nigborha meta jghidli*" (fol. 21) u dan peress li z-zebgha tat-*thinner* iddum bejn jumejn jew erbat ijiem biex titlesta. Mistoqsi meta sar ix-xoghol fuq il-Honda Civic, l-intimat qal li jaqbel "*... ma dak li qieghed jigi ssuggerit lili illi x-xoghol fuq il-Honda sar wara l-ahhar xirja li jiena ghamilt minghand is-socjeta attrici*" (fol. 22). L-intimat jistqarr li lil sid il-Honda huwa ma fittxux.

L-intimat ighid ukoll li huwa "*... lis-socjeta attrici jew lill-addetti taghha qatt ma semmejtilhom il-kelma Honda Civic lanqas ma baghat ittri bl-avukat lis-socjeta attrici dwar din il-kwistjoni li qieghed inqajjem f'dawn il-proceduri*" (fol. 22). Dwar il-kwistjoni tal-Honda, l-intimat ighid li l-ahhar li kien xtara zebgha minghand is-socjeta rikorrenti kien madwar xahrejn jew tlett xhur qabel. Dan peress li huwa kien ghamel xi zmien jahdem fuq l-imsemmija Honda. Fil-fatt ighid li "*bejn meta xtrajt l-ahhar u meta dahlet il-Honda Civic ghandi ghat-tiswija kienu ghaddew mhux aktar minn tlett gimghat*" (fol. 22). Sid il-vettura kien qallu li jekk huwa

ma kienx ser jaqdih dik il-gimgha stess (cioe jaghmel l-ispray tat-*thinner* fuq il-vettura tieghu) huwa kien ser jaqbad u jiehu l-vettura tieghu minghand l-intimat. Hekk gara fil-fatt. Mistoqsi dwar iz-zebgha tat-*thinner*, l-intimat ighid li "*jekk ikun hemm relazzjoni bejn l-individwu u s-supplier taz-zebgha tat-thinner dejjem tista tinqeda ahjar milli li kieku ma jkun hemm xejn. Biex tixtri zebgha tat-thinner irid iressqek xi hadd il-ghaliex jekk tmur wahdek jghidlek li ma jbiehilekx*" (fol. 22).

L-ahhar xhud f'dan il-kaz kien **Alan Cassar**, sid il-vettura Honda Civic. Huwa jghid li lill-intimat ma kienx jafu u kienu qalulu n-nies bih. Wara li kien hadlu l-karozza, l-intimat beda x-xoghol fuqha u fil-fatt kien "... *tellali d-daqqiet u kien qed jippreparha ghall-ispray fil-fatt kien tah l-undercoat*" (fol. 23). Zied ighid li meta huwa mar ghal karozza tieghu, l-intimat qallu li "... *kelli nistenna l-ghaliex iz-zebgha minghand minn jixtri s-soltu ma kienx tajhilu*" (fol. 23). Qal ukoll li huwa ma setax jistenna izjed l-ghaliex il-karozza kellu bzonnha u fil-fatt qabad u hadha. Ix-xhud stqarr ukoll li l-intimat kien talbu elf ewro (€1,000) ghax-xoghol li ried jaghmel fil-vettura tieghu u huwa kull ma tah kienu hamsin ewro (€50) bhala depositu. Flus ohra ma tahx. Wara li ha l-vettura tieghu minghand l-intimat, huwa hadha ghand haddiehor biex jaghmillu l-i*spray* peress li l-intimat kien diga telghalu d-daqqiet u fil-fatt hallas fuq hames mitt ewro (€500) lil persuna l-ohra li ghamlitlu l-i*spray*. In kontro-ezami, x-xhud ighid li huwa ma jiftakarx meta kien ha l-vettura tieghu ghand l-intimat pero jiftakar li "*il-konvenut ma qallix biex nistenna jumejn, tlett ijiem ohra ghax kien ser jaghmilli l-ispray*" (fol. 23). Kull ma qallu l-intimat kien li s-*supplier* tieghu ma tahx zebgha. Cassar jispicca x-xhieda tieghu billi jghid li "*ma konniex spiccajna sew jiena u l-konvenut*" (fol. 23).

Ikkunsidra ulterjorment;

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' bilanc dovut mill-intimat lilha ghal prezz ta' xiri ta' prodotti inkluz ta' zebgha. Da parti tieghu, l-intimat ressaq kontro-talba kontra s-socjeta rikorrenti fejn qed jitlob il-hlas tad-danni minnu sifferti minhabba li l-istess socjeta

ma pprovditlux, wara li kienet ftehmet li hekk ser tipprovdilu, zebgha tat-*thinner*. Minhabba dan in-nuqqas, l-intimat spicca ma ghamilx xoghol ta’ *spray* fuq vettura tat-tip Honda Civic.

Jirrizulta mill-provi prodotti, li l-intimat xtara diversi oggetti minghand is-socjeta rikorrenti u li ta’ dawn il-prodotti huwa ma hallasx. Di fatti jirrizulta mill-is*tatement* esebit u mmarkat bhala dok. LC 1 (fol. 25), li l-ahhar darba li l-intimat xtara xi prodotti minghand is-socjeta rikorrenti kien fit-22 ta’ Lulju, 2010. Sa dak-in-nhar l-intimat kellu bilanc ta’ €336.92 xi jhallas. Irrizulta ukoll u dan skond id-dok. LC2 (fol. 30) li kien sar qbil bejn is-socjeta rikorrenti u l-istess intimat li huwa jibda jhallas is-somma ta’ tletin euro (€30) fix-xahar sakemm jithallas dan il-bilanc. Din l-ittra bl-ebda mod ma giet ikkontestata mill-intimat, kif lanqas ma gie kontestat l-ammont reklamat mill-intimat jew li huwa mhux minnu li kien xtara l-prodotti minghand is-socjeta rikorrenti. Ghalhekk, mill-provi prodotti, jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija gustifikata.

Id-difiza tal-intimat iddur mal-fatt li huwa ma kienx inghata zebgha tat-*thinner* meta skond hu, s-socjeta rikorrenti kienet accettat l-ordni tieghu ghal din iz-zebgha. B’konsegwenza ta’ dan il-fatt, huwa sofra danni konsistenti fl-ammont ta’ erba’ mitt euro (€400). Dawn id-danni kienu xoghol li l-intimat kien lehaq ghamel fuq il-vettura in kwistjoni u cioe telgha d-daqqiet li kellha kif ukoll ta l-*undercoat* u kienet preparata biex tinghata l-i*spray* tat-*thinner.* It-Tribunal ma jaqbilx li ghal dawn id-danni ghandha tahti s-socjeta rikorrenti. Ibda biex, l-intimat ried juza zebgha tat-*thinner* meta din iz-zebgha llum il-gurnata ma ghadhiex tintuza minhabba r-regolamenti ta’ l-Unjoni Ewropeja. Fit-tieni lok, it-Tribunal ma huwiex sodisfatt, mill-provi prodotti, li s-socjeta rikorrenti kienet accettat li tissupplixxi lill-intimat b’din it-tip ta’ zebgha. Huwa minnu li l-istess socjeta rikorrenti kienet tipprovdi din it-tip ta’ zebgha lill-intimat, pero mbaghad, anke skond ma xehed Mario Fava, *branch manager* tas-socjeta rikorrenti, l-awtoritajiet tal-pajjiz bdew jinfurzaw il-ligi u ma jhallux li din iz-zebgha tat-*thinner* tinbiegh izjed, huwa nforma lill-intimat li hu ma setax ibieghlu din it-tip ta’ zebgha iktar.

Jirrizulta ukoll mill-provi li l-intimat ma kienx armat biex juza zebgha ta' l-ilma u li bilfors kellu juza z-zebgha tat-*thinner*. Ghalhekk, ghal dan in-nuqqas, ma ghandhiex tahti s-socjeta rikorrenti. Jirrizulta ukoll li l-intimat kien jaf li din iz-zebgha ma setatx tibqa tintuza, jekk mhux kontra l-ligi, tant li fix-xhieda tieghu huwa jistqarr li "*Biex tixtri zebgha tat-thinner irid iressqek xi hadd il-ghaliex jekk tmur wahdek jghidlek li ma jbiehilekx*" (fol. 22). Apparti dan kollu, jidher li l-maggor parti ta' l-ammont ta' erba' mitt euro (€400) kienu dovuti ghal xoghol ta' *panel beating* u mhux ghaz-zebgha. Fil-fatt, meta xehed Alan Cassar, sid il-vettura Honda Civic huwa qal li l-persuna l-ohra li huwa ha l-vettura ghandha zammitlu fuq hames mitt ewro (€500) ghall-i*spray*. Meta l-intimat gie mistoqsi jekk huwa fittix lil dan Cassar bil-Qorti, huwa wiegeb fin-negattiv. It-Tribunal huwa tal-fehma li din hija t-triq li kellhu jiehu l-intimat u cioe li huwa jfittex lil Cassar tax-xoghol li kien ghamillu diga. Is-socjeta rikorrenti pero ma tidhol imkien f'din il-kwistjoni. Ghalhekk, il-kontro-talba tal-intimat qeghda tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat fejn dawn huma b'xi mod inkompattibli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimat sabiex ihallasha s-somma ta' tlett mija sitta u tletin euro u tnejn u disghin centezmu (€336.92) bl-imghaxijiet ikunu dovuti mid-data ta' meta l-intimat ha l-prodotti minghand l-istess socjeta rikorrenti.

Ghar-rigward tal-kontro-talba, t-Tribunal qieghed jilqa l-eccezzjoni tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jichad l-istess kontro-talba.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------